20 ta' Ġunju, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Nadine Dempster *versus* Anthony Galea

**Bejgħ — "Hire Purchase System" — Kolliżjoni — Danni — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Mara — Domiċilju — Żwieġ — Art. 1105, 1365 u 1360 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fil-bejgħ taħt il-"Hire Purchase System" il-proprjetà tal-ħaġa tibqa' fil-bejjiegħ, u ma tgħaddix għand ix-xerrej, sakemm dan ma jkunx ħallas ir-rati kollha tal-prezz.*

*Imma, b'dana kollu, ix-xerrej taħt il-"Hire Purchase System" jista' anki meta jkun għadu ma ħallasx dawk ir-rati kollha, u għalhekk ma jkunx sar proprjetarju definitiv tal-ħaġa, jagħmel l-attijiet kollha meħtieġa biex iżomm sħaħ id-drittijiet tiegħu, fosthom dawk l-attijiet li huma ntiżi biex jimpedixxu li ssir ħsara fil-ħaġa mixtrija.*

*Għaldaqstant ix-xerrej ta' karrozza taħt il-"Hire Purchase Sytem" jista' jaġixxi għad-danni kaġunati lil dik il-karrozza bħala konsegwenza ta' kolliżjoni anki meta huwa jkun għadu ma ħallasx il-prezz kollu tagħha.*

*Imma jekk ix-xerrej tal-karrozza hija mara miżżewġa, li xtrat il-karrozza f'ċirkustanzi tali li skond il-liġi jirrendu dik il-karrozza akkwist konjugali, huwa r-raġel li għandu jaġixxi għal dawk id-danni, u mhux il-mara.*

*Iż-żwieġ li jsir f'dawn il-Gżejjer iġib "ipso jure" bejn ir-raġel u l-mara l-komunjoni ta' l-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att publiku. Għalkemm dan mhux applikabili għal min ma jkunx domiċiljat f'dawn il-Gżejjer, il-kwistjoni tad-domiċilju ma tidħolx*

*u ma jistax ikollha importanza jekk il-komunjoni ta' l-akkwisti tkun giet stipulata b'kuntratt formali; ghax il-pożizzjoni tal-miżżewgin f'dan il-każ tkun regolata unikament mill-kuntratt.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u moghtija l-provvediment kollha opportuni, peress illi fit-8 ta Jannar 1952 il-konvenut, minhabba negliġenza, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, waqt li kien qieghed isuq motor-car numru 1395 minn Saqqaja Hill, Rabat, habat ma' u ghamel hsara lill-car numru 13423 ta' proprjetà ta' l-attriċi, (1) il-konvenut jiġi dikjarat responsabili tad-danni li sofriet l-attriċi fil-karrozza msemmija ghar-raġunijiet premessi; (2) jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attriċi, jekk hemm bżonn, per mezz ta' periti nominandi; (3) il-konvenut jiġi kundannat ihallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat, bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Marzu 1952. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali msemmija, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Dwar l-eċċepita "carenza d'azione", ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, fin-nota tieghu fuq riferita, jippretendi li l-attriċi ma ghandhiex dritt taghmel dina l-kawża ghal żewġ motivi: (1) ghaliex hija ghadha mhix il-proprjetarja tal-karrozza, minhabba li hija xtratha bil-"hire purchase system" u ghad fadlilha thallas parti mill-prezz; (2) ghaliex, se maj, il-karrozza tappartjeni lil żewġha, bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-azzjoni relativa tikkompeti lilu biss;

Rigward l-ewwel motiv, il-Qorti tosserva li x-xiri tal-karrozza in kwistjoni ma sarx bil-"hire purchase system", ghaliex il-bejgh ma sarx taht il-kondizzjoni sospensiva li l-proprjetà tal-karrozza tibqa' tal-venditur sakemm ma jkunx thallas il-prezz taghha kollu (Kollez. Vol. XXV—I—226; XXVIII—III—1049). Difatti mill-iskrittura tal-20 ta' Settembru 1951, eżibita fil-proċess, jidher li saret vendita pura u sempliċi, soġġetta biss ghall-patt li l-attriċi ma tiddisponix mill-karrozza minghajr il-kunsens tal-venditur. Fil-każ imbaghad li l-attriċi tonqos mill-hlas kif miftiehem, il-venditur żamm id-dritt li jipprivaha "of the use of the vehicle"; iżda l-proprjetà kellha preżumibilment tibqa' fl-attriċi. Anzi, milli jidher, il-partijiet riedu jeskludu l-figura tal-"hire purchase system"; ghax il-patt

oriġinarjament stampat f'dik l-iskrittura, fis-sens "that the car remains the property of the seller in the meantime" (i.e. salħlas tal-prezz) ġie minnhom imħassar;

Anki, però, kieku l-bejgħ sar bil-"hire purchase system", l-azzjoni odjerna ma kienetx tikkompeti esklużivament lillvenditur, għaliex anki x-xerrej (bħala kreditur taħt kondizzjoni sospensiva) jista', qabel ma sseħħ il-kondizzjoni, jagħmel l-attijiet kollha meħtieġa biex iżomm sħaħ id-drittijiet tiegħu (art. 1105 Kodiċi Ċivili), u fost dawna l-attijiet id-dottrina nkludiet dawk intiżi biex "jimpedixxu" li ssir ħsara fil-ħaġa mixtrija (Ricci—Diritto Civile, Vol. 6 § 114), u dawk intiżi, anki filkonfront tat-terzi, biex tkun "riparata" dina l-ħsara (Borsari, Commento al Codice Civile Italiano, art. 1171). Barra minn dan, l-attriċi, in forza ta' l-imsemmija skrittura, daħlet responsabili "for the safe keeping of the car"—obligu dan li indubbjament jikkomprendi d-dmir li żżomm il-karrozza fi stat tajjeb u mingħajr ħsara. Jekk imbagħad kellha ma tavverax ruħha l-kondizzjoni sospensiva minħabba n-nuqqas tal-pagament integrali tal-prezz, l-attriċi jkollha dejjem l-obligu li tirrestitwixxi lill-venditur il-karrozza fl-istat tajjeb li minn għandu rċevietha, bħal kieku l-bejgħ ma sar qatt;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, sew jekk il-bejgħ jitqies bħala pur u sempliċi, sew jekk jitqies li sar taħt il-"hire purchase system", l-azzjoni għat-tiswija tal-karrozza u għar-rifużjoni tad-danni tikkompeti anki lill-attriċi; u għalhekk il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni relativa opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rigward it-tieni motiv ta' l-eċċepita "carenza d'azione", li ċjoè l-azzjoni tikkompeti lir-raġel ta' l-attriċi bħala kap talkomunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti hija tal-fehma li dina l-eċċezzjoni hija fondata. Ġie pruvat li fl-okkażjoni taż-żwieġ ta' l-attriċi ma' Eric James Dempster saret kitba għand in-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini tad-29 ta' Jannar 1947, fejn ġiet, fost pattijiet oħra, stipulata l-komunjoni ta' l-akkwista. Issa, skond l-art. 1365 (Kodiċi Ċivili), f'dina l-kwistjoni jidħlu (a) dak kollu li r-raġel u l-mara jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom, (b) il-ħwejjeġ akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, għalkemm l-akkwist ta' dawn ilħwejjeġ ikun sar fl-isem tar-raġel biss jew tal-mara biss, u (c)

il-ħwejjeġ akkwistati bi flus, jew bi ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li wara ż-żwieġ messew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, għalkemm l-akkwist ikun sar f'isem dik il-parti. Issa l-istess attriċi fix-xhieda tagħha tirrikonoxxi li l-karrozza in kwistjoni xtratha hija, parti bil-prezz ta' karrozza oħra li kien xtralha żewġha waqt iż-żwieġ u parti bi flus derivanti mix-xogħol tagħha; u dana biżżejjed biex l-akkwist jidħol fil-komunjoni. Xejn ma jiswa li l-karrozza l-oħra żewġha kien xtrahielha bil-flus tal-"gratuity" li kien ħa min-Navy, għaliex dana jista' jintitola biss lil żewġha għall-prelevament meta tiġi likwidata l-komunjoni;

Ladarba, immela, il-karrozza tirrappreżenta ko-akkwist konjugali, id-drittijiet u l-azzjonijiet kollha relativi għaliha jappartjenu lill-komunjoni, u jikkompetu biss lir-raġel ta' l-attriċi bħala kap ta' l-istess komunjoni;

Ikkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni tad-domiċilju sollevata mill-attriċi fit-trattazzjoni orali. Hija tippretendi li d-domiċilju ta' żewġha, u kwindi anki tagħha, huwa skoċċiż, peress li għad li ż-żwieġ tagħhom sar Malta, żewġha kien domiċiljat Glasgow, fejn hemm il-familja tiegħu, u li konsegwentement il-kwistjoni għandha tiġi regolata mil-liġi tad-domiċilju. Apparti liema hu verament id-domiċilju ta' l-attrċi, il-Qorti tosserva li skond l-art. 1360 (1) tal-Kodiċi Ċivili, iż-żwieġ li jsir f'dawn il-Gżejjer iġib "ipso jure" bejn ir-raġel u l-mara l-komunjoni ta' l-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att publiku. Veru li dina d-dispożizzjoni ġiet interpretata fis-sens li mhix applikabili lil min ma hux domiċiljat f'dawn il-Gżejjer, iżda ġie wkoll ritenut li meta l-komunjoni ta' l-akkwisti tkun ġiet stipulata b'kuntratt formali, bħal fil-każ in eżami, il-kwistjoni tad-domiċilju ma jistax ikollha importanza; għaliex il-pożizzjoni tal-miżżewġin tiġi regolata unikament mill-kuntratt (Kollez. Vol. XXIX—II—492);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li l-azzjoni eżerċitata mill-attriċi ma tikkompetix lilha, iżda lil żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti; konsegwentement tilqa' l-eċċezzjoni, f'dan is-sens biss, tal-"carenza d'azione" opposta

mill-konvenut, u tilliberah mid-domandi kif proposti, bl-ispejjeż.